

Brussell, 10 ta' Ottubru 2025
(OR. en)

13732/25

ECOFIN 1321
ENV 982
CLIMA 423
FIN 1181
ECB
EIB

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-finanzjament għall-klima bil-ħsieb tal-Konferenza tan-NU tal-2025 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP30) (Belém, 10-21 ta' Novembru 2025) – Konklużjonijiet tal-Kunsill (10 ta' Ottubru 2025)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-finanzjament għall-klima kif approvati mill-Kunsill (ECOFIN) fil-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Ottubru 2025.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL 2025
DWAR IL-FINANZJAMENT INTERNAZZJONALI GĦALL-KLIMA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. JINNOTA BI TĦASSIB SERJU s-sejbiet tal-Aġġornament tal-Klima Dekadali 2025 tal-Organizzazzjoni Meteoroloġika Dinjija li l-2024 kienet l-aktar sena sħuna rreġistrata, bit-temperatura medja globali tal-wiċċ stmata għal $1.55\text{ }^{\circ}\text{C} \pm 0.13\text{ }^{\circ}\text{C}$ aktar mil-linja bażi tal-1850–1900 u JENFASIZZA l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2025, li skontu 85 % tal-Ewropej iqisu li t-tibdil fil-klima huwa ta' tħassib serju.
2. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-Unjoni Ewropea għall-mira fit-tul tat-temperatura ta' $1.5\text{ }^{\circ}\text{C}$ tal-Ftehim ta' Pariġi. JESPRIMI tħassib dwar l-ispejjeż sostanzjali u li qed jiżdiedu assoċjati man-nuqqas ta' azzjoni globali dwar it-tibdil fil-klima. JENFASIZZA f'dan il-kuntest, l-urġenza ta' sforzi domestiċi sostnuti, u l-kritikalità tal-azzjoni multilaterali u l-kooperazzjoni internazzjonali fl-indirizzar tal-kriżi klimatika globali filwaqt li jiġu xprunati opportunitajiet ekonomiċi reali u jitrawwem it-tkabbir sostenibbli. JAPPELLA lill-Partijiet kollha jippreżentaw sal-COP30, Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali b'miri ambizzjużi assoluti ta' tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha, li jkopru l-gassijiet serra, is-setturi u l-kategoriji kollha, allinjati mal-għan fit-tul tat-temperatura ta' $1.5\text{ }^{\circ}\text{C}$, l-eżitu tal-ewwel Rendikont Globali u l-aħjar xjenza disponibbli.
3. JISSOTTOLINJA li l-finanzjament għall-klima jibqa' kruċjali fil-kuntest ta' azzjoni klimatika domestika u multilaterali msaħħa u JENFASIZZA l-importanza li jiġu żgurati l-kosteffettività u l-effiċjenza tiegħu fil-kisba ta' riżultati u impatt fil-prattika permezz ta' azzjoni klimatika sinifikanti, u implimentazzjoni trasparenti u inklużiva. IFAKKAR fil-kisba tal-għan kollettiv li jiġu mobilizzati USD 100 biljun fis-sena bħala finanzjament għall-klima għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u l-kontribut sinifikanti tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'dak ir-rigward. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tagħhom lejn it-tweqqif kontinwu tal-għan sal-2025 u JAPPELLA lil pajjiżi terzi biex jikkontribwixxu wkoll għall-għan kollettiv.

4. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rieda tal-UE u l-Istati Membri tagħha li jwieġbu għall-bżonn li jiġi rduppjat il-forniment u l-mobilizzazzjoni kollettiva tal-pajjiżi żviluppati ta' finanzjament għall-klima għall-adattament tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw sal-2025, meta mqabbel mal-livelli tal-2019, u JIRRIKONOXXI li l-kontribuzzjoni rispettiva tal-pajjiżi żviluppati laqgħet USD 32.4 biljun fl-2022. JAPPELLA biex jissaħħu aktar is-sinerġiji bejn il-finanzjament għall-klima, il-bijodiversità u l-aġendi ta' ġestjoni sostenibbli tal-art.
5. JILQA' d-deċiżjoni tal-Għan Kollettiv Ġdid Kwantifikat (NCQG) dwar il-finanzjament għall-klima, adottata fis-6 Konferenza tal-Partijiet li sservi bħala l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi (CMA6). IFAKKAR fid-deċiżjoni li tistabbilixxi għan ta' mill-inqas USD 300 biljun fis-sena sal-2035 għall-appoġġ tal-azzjoni klimatika tal-Partijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, pubbliċi u privati, bilaterali u multilaterali, inkluż sorsi alternattivi ta' finanzjament, fil-kuntest ta' azzjoni sinifikanti u ambizzjuża ta' mitigazzjoni u adattament, u trasparenza tal-implimentazzjoni. JISSOTTOLINJA li, bil-pajjiżi żviluppati jkunu minn ta' quddiem, id-deċiżjoni tal-NCQG tipprevedi għat-twessigħ tal-ambitu tal-kontributori għall-għan ta' USD 300 biljun. JIRRIKONOXXI l-kontribut mill-Partijiet tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq bażi volontarja u l-intenzjoni volontarja tal-Partijiet li jgħoddu l-flussi ta' ħruġ kollha relatati mal-klima minn u l-finanzjament relatat mal-klima mobilizzat mill-Banek Multilaterali tal-Iżvilupp (MDBs) lejn il-kisba tal-għan, u JAPPELLA lill-atturi kollha f'pożizzjoni li jagħmlu dan biex iżidu l-isforzi tagħhom biex iżidu l-finanzjament għall-klima u jikkontribwixxu għall-NCQG, f'konformità mar-responsabbiltajiet u l-kapaċitajiet li qed jevolvu. JINNOTA B'APPREZZAMENT li d-deċiżjoni tal-NCQG tipprevedi qafas għal approċċ ġdid u olistiku biex jissaħħu l-isforzi globali dwar il-finanzjament għall-klima.

6. JISSOTTOLINJA l-azzjoni domestika u internazzjonali determinata tal-UE, li tvarja mit-tfassil tal-politika sal-investimenti, li tikkontribwixxi għall-finanzjament globali u soluzzjonijiet globali biex jiġu indirizzati l-impatti klimatiċi. IFAKKAR li l-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) huma l-akbar fornituri ta' finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, b'sehem għoli ta' finanzjament konċessjonali kif ukoll finanzjament imħallat. JIRRIKONOXXI li l-finanzjament pubbliku internazzjonali għall-klima, inkluż il-finanzjament konċessjonali għoli, jibqa' essenzjali biex jappoġġa pajjiżi u komunitajiet vulnerabbli, speċjalment dawk b'kapacià ta' adattament limitata u affettwati b'mod sproporzjonat mill-impatti tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati (LDCs) u fl-Istati Gzejjir Żgħar li qed Jiżviluppaw (SIDs). JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-Fondi Vertikali għall-Klima u l-Ambjent f'dak ir-rigward u JFAKKAR fid-deċiżjoni tal-NCQG li jitkomplew l-isforzi biex mill-inqas jittrippla l-flussi ta' ħruġ annwali mil-livelli tal-2022 ta' fondi multilaterali għall-klima (MCFs) sa mhux aktar tard mill-2030.
7. JISSOTTOLINJA li bejn l-2019 u l-2023, l-UE u l-Istati Membri tagħha żiedu l-kontribuzzjoni finanzjarja internazzjonali tagħhom għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw b'75 %, filwaqt li l-finanzjament tal-BEI għall-adattament għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw żdied b'erba' darbiet mill-2022, u laħaq sehem ta' 31 % tal-finanzjament tiegħu lil hinn mill-UE għas-sostenibbiltà klimatika u ambjentali fl-2024. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn kontinwu tal-UE li tappoġġa u taċċellera l-isforzi kollettivi lejn azzjoni ta' adattament, speċjalment billi tappoġġa lill-pajjiżi vulnerabbli biex jadattaw għall-impatti tat-tibdil fil-klima, inkluż billi twieġeb għall-ħtiġijiet u l-prijoritajiet deskritti mill-pajjiżi sħab tagħna li qed jiżviluppaw fid-djalogi tad-donaturi.
8. JILQA' l-progress sinifikanti li għaddej fil-ħidma taħt il-Fond għar-Rispons għal Telf u Ħsara, inkluż l-iżvilupp tal-Modalitajiet ta' Implimentazzjoni ta' Barbados u l-allokazzjoni tal-fażi tal-bidu ta' USD 250 miljun għall-2025/26, bil-limitu minimu ta' allokazzjoni ta' 50 % għas-SIDS u l-LDCs. JINNOTA li l-UE u l-Istati Membri tagħha sal-lum wiegħdu riżorsi finanzjarji li jammontaw għal madwar 68 % tal-impenji totali tal-Fond.

9. JILQA' d-deċiżjoni tal-NCQG li tappella lill-atturi kollha biex jaħdmu flimkien biex jippermettu ż-żieda fil-finanzjament lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw għall-azzjoni klimatika mis-sorsi pubbliċi u privati kollha għal mill-inqas USD 1.3 triljun fis-sena sal-2035, u f'dan ir-rigward, JIRRIKONOXXI l-isforzi tal-Presidenzi tal-COP29 u l-COP30 fir-rigward tal-"Pjan Direzzjonali minn Baku sa Belém għal 1.3T". JISTENNA B'INTERESS l-involvement mal-atturi kollha biex jiġu identifikati azzjonijiet u miżuri li jikkontribwixxu biex jiġi sfruttat finanzjament ta' USD 1.3 triljun, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żblukkat finanzjament privat addizzjonali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. JAPPELLA għal tali azzjonijiet u miżuri biex jiġu żblukkati sorsi ġodda ta' finanzjament għall-azzjoni klimatika, tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi domestiċi u jitneħħew l-ostakli għall-aċċess għall-finanzjament għall-klima, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet nazzjonali differenti ta' assorbiment u implimentazzjoni.
10. JISTENNA B'INTERESS il-Pjan Direzzjonali minn Baku sa Belém li jirrifletti l-ħtieġa urġenti u l-potenzjal trasformattiv biex jiġi żblukkat b'mod sinifikanti aktar kapital privat għall-azzjoni klimatika, u għar-rwol tiegħu fl-aċċellerar tal-investimenti meħtieġa fit-tranżizzjoni ekoloġika tal-ekonomiji kollha. JENFASIZZA li l-attrazzjoni ta' investimenti privati tirrikjedi ambjenti abilitanti fil-livelli kollha li jintegraw il-konsiderazzjoni klimatika fil-politiki u l-istrumenti makroekonomiċi, fiskali u finanzjarji, u t-trawwim tal-interoperabbiltà tas-sistemi finanzjarji domestiċi u internazzjonali. Dan jista' jinkludi, fost l-oħrajn, l-ipprezzar tal-karbonju, ir-riformi tas-sussidji għall-fjuwils fossili, ir-regolamenti finanzjarji, id-divulgazzjonijiet finanzjarji komparabbli u affidabbli relatati mal-klima, l-investimenti pubbliċi, il-proċessi ta' akkwist sostenibbli, u l-iżvilupp ta' pjanijiet nazzjonali kredibbli u ambizzjużi dwar il-klima mirfuda minn strateġiji ta' investiment robusti u pjanijiet ta' implimentazzjoni kosteffettivi. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġu ġestiti kemm ir-riskji ta' tranżizzjoni kif ukoll dawk fiżiċi għaż-żamma tal-istabbiltà tas-sistema finanzjarja, inkluż billi titqies aktar l-integrazzjoni tar-riskji klimatiċi f'oqfsa prudenzjali, hekk kif il-pajjiżi jersqu lejn emissjonijiet żero netti. JISTENNA B'INTERESS li dawn l-elementi jiġu kkunsidrati taħt il-Pjan Direzzjonali.

11. JILQA' l-isforzi globali biex jiġu żviluppati u msaħħa l-faċilitaturi tal-finanzjament għall-klima kif riflessi fost l-oħrajn fil-ħidma tal-G20, il-Koalizzjoni tal-Ministri tal-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika, u inizjattivi oħra. JIEĦU NOTA tal-ħidma mwettqa miċ-Ċirku tal-Ministri tal-Finanzi tal-COP30, u tal-prijoritajiet u l-eżiti mistennija tiegħu. JENFASIZZA l-importanza ta' kollaborazzjoni msaħħa bejn l-MDBs, il-Banek Nazzjonali tal-Iżvilupp, l-Istituzzjonijiet Finanzjarji għall-Iżvilupp, u l-MCFs, f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Komplementarjetà u l-Koerenza mniedi fil-COP29 u l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Finanzi Sostenibbli tal-G20 biex tissaħħa l-arkitettura internazzjonali tal-finanzjament għall-klima sabiex jiżdedu l-impatt, l-effiċjenza u l-kapaċità tal-MCFs li jimmobilizzaw l-investment privat.
12. JENFASIZZA li l-finanzjament pubbliku, inkluż il-finanzjament pubbliku konċessjonali u l-appoġġ għall-kreditu għall-esportazzjoni għandhom rwol katalitiku fl-iżblukkar tal-flussi privati. IFAKKAR fl-approċċ strateġiku tal-UE u tal-Istati Membri tagħha lejn il-finanzi pubbliċi, li jinkludi l-użu ta' strumenti finanzjarji, bħall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus, biex iservu bħala pjattaformi għall-finanzjament katalitiku; l-avvanz tal-ħidma fuq l-Inizjattiva Globali tal-Bonds Ekoloġiċi, biex jinġabru flimkien ir-riżorsi pubbliċi u l-kapital privat biex jiżdedu s-swieq tal-bonds ekoloġiċi f'pajjiżi b'introjtu baxx u medju; jew l-involviment taħt l-istrateġija Global Gateway tal-UE li toffri varjetà ta' strumenti ta' kondiviżjoni tar-riskju sa EUR 40 biljun biex tingħata spinta lill-investimenti kbar f'pajjiżi sħab, skont approċċ ta' Tim Ewropa.
13. JISSOTTOLINJA li, biex jiżded aktar il-finanzjament għall-klima, il-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima, u r-riforma tal-arkitettura finanzjarja trid tkompli f'kull pajjiż kif ukoll internazzjonalment. JAPPELLA lill-atturi kollha – inkluż il-gvernijiet ċentrali u lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali, il-banek nazzjonali tal-iżvilupp, il-filantropji, l-investituri privati u istituzzjonali – sabiex jaħdmu b'mod konġunt għal dan l-għan, f'konformità mal-mandat tagħhom. JILQA' l-ħidma li saret fil-kuntest tad-Djalogu ta' Sharm el-Sheikh, li approfondixxa l-fehim tal-Artikolu 2.1(c) u r-relazzjoni tiegħu mal-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Pariġi u JISTENNA B'INTERESS li l-Partijiet jirrikonoxxu l-fehim emerġenti tal-elementi ewlenin tiegħu, u jiddeċiedu dwar triq sostanzjali 'l quddiem għall-Artikolu 2.1(c), fis-CMA7.

14. JENFASIZZA r-rwol kruċjali tal-MDBs u l-Istituzzjonijiet Finanzjarji Internazzjonali l-oħra fiż-żieda tal-finanzjament għall-klima mis-sorsi kollha u fit-twettiq tal-wegħdiet u l-impenji rilevanti tagħhom u JAPPELLA lill-azzjonisti kollha biex jappoġġaw it-tisħiħ meħtieġ tal-MDBs biex iwettqu skont il-ħtieġa u biex jallinjaw mal-obiettivi tal-Ftehim ta' Pariġi għall-aċċellerar tal-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika globali. JAPPOĠĠA bil-qawwa r-riforma tagħhom li għaddejjja bl-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali tal-MDB tal-G20 għal MDBs aħjar, akbar u aktar effettivi. Dan ser jgħin lill-pajjiżi jilhqqu aħjar l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli u jikkatalizza l-investimenti billi jneħħi r-riskji mill-proġetti, joffri soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat, finanzjament fil-munita lokali, soluzzjonijiet ta' ħħeġġjar tal-kambju, jagħmel id-data dwar ir-riskju ta' kreditu tagħhom aktar trasparenti u jsaħħaħ is-self konċessjonali, u b'hekk jgħin biex jiġi żblukkat l-investment privat fuq skala kbira, filwaqt li jissalvagwardja l-istabbiltà finanzjarja fit-tul tal-MDBs u klassifikazzjonijiet robusti tal-kreditu. ITENNI l-appell lill-MDBs biex jeliminaw gradwalment il-finanzjament relatat mal-fjuwils fossili malajr kemm jista' jkun bħala parti mill-allinjament tagħhom mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi, u biex jirrapportaw b'mod komprensiv dwar l-isforzi u l-progress f'dan il-kuntest.
15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġu esplorati aktar għażliet innovattivi biex jitwessgħu s-sorsi ta' finanzjament konċessjonali għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari għall-adattament, inkluż permezz ta' strumenti bħall-ipprezzar tal-karbonju, l-imposti għall-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika u billi jiżdiedu l-inċentivi ambjentali b'emissjonijiet żero netti. JILQA' l-progress sostantiv miksub mill-Partijiet taħt il-Qafas tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali għal Emissjonijiet Żero Netti biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tas-settur marittimu lejn trasport marittimu b'emissjonijiet baxxi permezz tal-innovazzjoni, il-finanzjament u l-kooperazzjoni internazzjonali, u l-potenzjal tiegħu li jimmobilizza sorsi innovattivi ta' finanzjament għall-azzjoni klimatika. JIEĦU NOTA tal-ħidma tat-Task Force dwar l-Imposti ta' Solidarjetà Globali, bl-għan li jiġu identifikati u żviluppatti sorsi innovattivi ta' finanzjament biex jgħinu fl-indirizzar tal-isfidi tas-soċjetà u tal-klima, speċjalment għall-pajjiżi l-aktar vulnerabbli. JIEĦU NOTA tal-eżiti tal-Konferenza tan-NU tal-2025 dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp f'Sevilja, b'mod partikolari dwar strumenti innovattivi bħal bonds ekoloġiċi, finanzjament tad-diżastri organizzat minn qabel, u strumenti ta' dejn relatati mal-klima.

16. JITLOB lill-Kummissjoni Ewropea ttiprovdi ħarsa ġenerali tal-flussi finanzjarji internazzjonali għall-klima mill-UE għas-sena 2024, inkluż mill-Istati Membri tagħha u l-Bank Ewropew tal-Investment, għall-approvazzjoni mill-Kunsill qabel il-COP30 – it-30 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.
-